# Il-Karmelitani f'Malta fis-Seklu 15 u l-Ewwel Sekli ta' Wara

minn C. Scerri

Fil-5 ta' Ġunju 1418 waħda armla twajba u nobbli xtaqet li wara mewta tħalli l-Knisja ta' Santa Marija Annunzjata li tinsab fil-lok magħruf bħala "Santo Leonardo" 'il barra mir-Rabat ta' Malta lil dak l-ordni reliġjuż li jaċċetta li jgħid kuljum l-uffiċċju divin (il-Brevjar) fl-istess knisja.

Din il-mara twajba kienet is-Sinjura Margerita D'Aragona di Pellegrino.

Mal-knisja din is-Sinjura hekk ġeneruża ħalliet ukoll l-artijiet kollha ta' l-inħawi ta' l-imsemmija knisja li kollha kienu proprjetà tagħha.

Dan għamlitu sabiex ir-reliġjużi li jmorru jgħixu hemm ikollhom fejn ikabbru x'jieklu.

Donna Margerita kif kienet magħrufa popolarment fit-testment tagħha ma semmiet imkien lil xi ordni reliġjuż partikolari li kienu jeżistu f'dawk iż-żminijiet, però ħalliet f'idejn esekuturi tat-testment tagħha u lil ċertu Don Catald Cusburella biex jieħdu ħsieb li dak kollu li semmiet u xtaqet hi permezz tat-testment jgħaddi f'idejn dak l-ordni reliġjuż "li jridu huma u li jidhrilhom l-aħjar." Mela minn hawn nistgħu ngħidu li kemm l-esekuturi tat-testment u kemm Dun Catald dehrilhom li din "l-għotja" ta' Donna Margerita għandha tingħata lill-Patrijiet Karmelitani.

Ta' min isemmi li sa dak iż-żmien l-ebda ordni reliġjuż ma kien għadu stabbilixxa ruħu ġo din il-gżira sa dik id-data, b'dana kollu kienu diversi r-reliġjużi Maltin li kienu jgħixu fil-kunventi barra minn Malta b'mod partikolari ġo l-Italja u iżjed ġo Sqallija.

Għalhekk meta il-Patrijiet Karmelitani mill-provinja ta' Sant'Anġlu aċċettaw din "l-għotja" kienu patrijiet ta' nisel Malti minn ta' l-ewwel li ġew lura Malta biex imexxu dan l-ewwel kunvent u knisja. Sa dan it-tant ir-reliġjużi ġo Malta xorta baqgħu jagħmlu parti mill-provinċja Karmelitana ta' Sqallija.

Bħala l-ewwel dokumenti uffiċċjali li jeżistu hemm l-atti tal-kapitlu provinċjali fejn fost l-oħrajn dawn id-dokumenti juru li sa mis-sena 1452 kienu diġà għażlu il-pirjol u s-sotto pirjol li kellhom jieħdu



Is-Sinjura Margerita d'Aragona, Fundatriċi tal-Lunzjata l-Qadima. Pittura li tinsab fil-Kunvent ta' l-Imdina.

ħsieb il-kunvent u l-Knisja tal-Lunzjata.

Dawn id-dokumenti juru wkoll li dawn l-ewwel tnejn li ntgħażlu uffiċjalment kienu patrijiet Maltin, infatti skond dawn l-atti tal-Kapitlu Provinċjali li sar f'Moach fis-sena 1452 ġie magħżul bħala pirjol tal-kunvent ta' Malta ċertu Patri Franġisk minn Malta jiġifieri Malti. Filwaqt li s-sotto pirjol kien ġie magħżul Patri Guliermu li aktar tard niltaqgħu wkoll ma' kunjomu li kien Cassar.

Meta wieħed jikkonsidra kollox jasal għall-konklużjoni li l-Karmelitani hawn Malta ġew ftit wara l-mewt ta' Donna Margerita jiġifieri fl-1418 u ferm qabel is-sena indikata fl-eqdem dokument uffiċjali li jeżisti fuq l-ewwel Karmelitani li ġew jiġifieri l-atti tal-Kapitlu Provinċjali li kien sar f'Moach fis-sena 1452.

## Il-Knisja tal-Lunzjata

Rigward il-Knisja tal-Lunzjata l-qadima li allura

inbniet ferm qabel 1418 qiegħda fil-post imsejjaħ San Leonardu. U tinsab eżatt fuq għar iddedikat lil dan l-istess qaddis. Il-knisja dejjem kienet iddedikata bit-tħabbira tal-Mulej. Jingħad li qabel ma l-knisja ċċeknet għal kif inhi llum kellha seba' altari. Kif għadu jindika sal-lum din il-knisja kienet ta' stil medjevali għaliex in-navi mill-knisja l-antika li llum jagħmlu parti miz-zuntier jixhdu dan l-istil.

Il-knisja kienet miżmuma b'ħafna għożża u devozzjoni mill-patrijiet.



Mappa antika ta' Malta li turi l-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata l-Qadima.

F'jum il-festa tal-Lunzjata l-25 ta' Marzu l-Kapitlu tal-Knisja Katidrali flimkien mal-Kleru u l-poplu l-aktar Rabtin kienu jmorru bil-purċissjoni f'din il-knisja u kienet titqaddes quddiesa kantata.

Fis-sena 1612 saret il-pittura tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Sakemm damu jgħixu fil-kunvent biswit din il-knisja l-Karmelitani kienu jqaddsu ta' kuljum anke fil-Knisja ta' S. Agatha fir-Rabat. Kienu jqaddsu wkoll darba fil-ġimgħa fil-Kappella ta' Santa Katarina barra ir-Rabat. Kienu jqaddsu wkoll kemm fil-knisja parrokkjali u kemm fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Aktar tard ukoll il-Karmelitani tal-Lunzjata l-qadima kienu jqaddsu kemm fil-Knisja ta' S. Katald kif ukoll fil-Katidral l-Imdina.


Il-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata l-Qadima kif kienu jidhru xi snin ilu.

Il-kunvent tal-Lunzjata barra mill-patrijiet, kien ukoll il-post tan-novizzi, jiġifieri ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu jkunu jridu jipprattikaw il-ħajja u l-kariżma Karmelitana fil-prattika.

Kien ukoll il-post tal-kjeriċi jiġifieri ta' dawk li kienu jkunu qed jistudjaw biex isiru patrijiet.

Minn ġo din il-knisja wkoll ġiet imwaqqfa l-ewwel terz ordni Karmelitana li maż-żmien kien ukoll inxtered ma ħafna bnadi tal-gżira tagħna. Terz ordni li għadu ħaj sal-lum il-ġurnata. Meta l-komunità tal-patrijiet kompliet tikber kienet minn ta' l-ewwel biex titħabat biex takwista u tixtri art sabiex fuqha tkun tista' tinbena knisja u kunvent ġdid fuq dik ix-xiber art imsejħa "l-Għolja ta' Xiber ir-Ras" fejn kellha tinbena l-belt kapitali l-ġdida. Fil-fatt il-patrijiet tal-Lunzjata l-qadima fetħu l-ewwel kunvent ġdid fil-Belt Valletta fl-1570 waqt li l-Belt Valletta kienet għada qed tinbena. Mal-kunvent il-patrijiet kienu bnew kappella proviżorja ddedikata lil-Lunzjata u hu mifhum li bħala kwadru titulari kienu poġġew fiha l-istess wieħed antik li kellhom fil-Knisja tal-Lunzjata l-qadima barra r-Rabat. Tant kienu jħabirku biex ilestuha li saħansitra l-kappillan ta' Ħal Qormi li mal-konfini tiegħu "l-Għolja Xiber ir-Ras" kienet tagħmel parti, kien juża l-kappella tal-Karmelitani biex jamministra s-sagramenti.

Il-Karmelitani tal-Lunzjata l-qadima, l-Isqof Mons. Tumas Gargallo fl-1582 kien għaddilhom il-Knisja tal-Madonna ta' Monserrat fil-Birgu u fost il-ħafna raġunijiet li ġab jissemma l-fatt li fil-Birgu kien hemm ħafna terzjarji Karmelitani għalhekk ħass li l-preżenza tal-Patrijiet Karmelitani fil-Birgu kienet meħtieġa.

Fil-bidu tas-seklu sbatax il-patrijiet kienu lestew il-kunvent il-ġdid mal-Knisja tal-Lunzjata l-qadima. Fis-16 ta' Ġunju 1659 il-patrijiet iddeċidew li jħallu l-Knisja tal-Lunzjata u l-kunvent ġdid li kienu għadhom kemm bnew biex imorru l-Imdina.

Però barra li baqgħu jieħdu ħsieb il-ġonna ta' madwar il-Lunzjata b'mod regolari, il-patrijiet bdew jużaw il-kunvent bħala maħżen ta' dawk l-affarijiet li l-patrijiet ma kienx ikollhom bżonn fil-kunvent il-ġdid.

Il-kunvent il-patrijiet żammewh biex jilqgħu fih lil dawk il-patrijiet li kienu jiġu minn barra u ma kienx ikollhom post fejn iżommuhom fil-kunvent ta' l-Imdina. Fil-knisja l-patrijiet baqgħu jagħmlu l-festa tal-Lunzjata u l-festa ta' San Leonardu, għal dan kienu jmorru jorqdu fil-kunvent minn xi jiem qabel.

Però ġara li fi Frar tas-sena 1678 beda l-bini tal-kunvent il-ġdid ta' l-Imdina u għal xi raġuni l-patrijiet iddeċidew li l-kunvent il-ġdid jinbena bil-ġebel li jiġi permezz tal-ħatt tal-kunvent il-qadim. Għalkemm il-ġebel ma ġiex biss mill-kunvent tal-Lunzjata iżda biex seta' nbena l-kunvent kbir bħal dak ta' l-Imdina inġieb ġebel minn barriera f'Ħaż-Żebbuġ ukoll.

Milli jidher l-intenzjoni tal-patrijiet ma kinitx li jżarmaw għal kollox il-kunvent tal-Lunzjata l-qadim infatti fis-sena 1714 il-patrijiet kienu rranġaw il-parti li ma kinitx ġiet maħtuta mill-kunvent l-antik. Il-Lunzjata l-qadima, il-benniena ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta għada sal-lum tgawdi l-paċi u l-hena fil-kwiet ta' madwarha. Maqtugħa għaliha, 'l bogħod mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum, qiegħda ssaħħar lil kull min iżurha u jagħmel użu mill-faċilitajiet provduti waqt id-diversi irtiri u laqgħat spiritwali li jsiru matul is-sena.


FIRMSTAR

4 in 1 MOBILE AIR CONDITIONERS

Features

- MOVABLE
- 4 IN 1 (AIR CONDITIONER, HEATER, FAN & DEHUMIDIFIER)
- ALL SEASONS
- SLIM & LIGHT WEIGHT
- SILENT
- MICRO-PROCESSOR CONTROL
- AUTOMATIC SWING
- RHYTHMICAL AIR FLOW (COOLER & FAN)
- 3 SPEED SELECTION (COOLER, FAN & HEATER)
- WATER OVERFLOW ALARM
- REMOVABLE DRAIN TANK
- CHANGEABLE AIR FILTER
- EXTENDABLE DUCT - 2m
- 7.5 HOUR TIMER
- BUILT-IN COMPRESSOR (MADE IN JAPAN)



ALSO IDEAL FOR BOATS & CARAVANS

Sales & Trade Enquiries

Bensons HOMECARE CENTRE

HOMPESCH ROAD, FGURA • TEL: 808808 • FAX: 667888